Il-preservattivi fl-UE

X'inhuma l-preservattivi?

Preservattiv huwa **ingredjent naturali jew sintetiku** li jiżdied ma' xi prodotti biex iżommhom milli jitħassru.



Il-preservattivi jiżguraw li **l-prodotti kożmetiċi u dawk għall-kura personali**, kif ukoll **il-prodotti farmaċewtiċi u dawk tal-ikel** jibqgħu sikuri matul il-perjodu tal-użu tagħhom mill-konsumaturi.

Il-preservattivi jridu jgħaddu minn evalwazzjoni stretta, fosthom minn valutazzjonijiet tas-sikurezza u ttestjar tal-kwalità, biex ikun żgurat li huma **sikuri għall-użu.**

Għaliex neħtiġuhom?



Mingħajr preservattivi, il-prodotti kożmetiċi, l-istess bħal dawk tal-ikel, jistgħu jiġu kontaminati, u dan jista' jwassal biex **il-prodott jitħassar.**

Il-kontaminazzjoni mikrobika tal-prodotti, speċjalment dawk użati madwar l-għajnejn u fuq il-ġilda, tista' toħloq **irritazzjoni** jew **infezzjoni**. Il-preservattivi jgħinu biex **jiġu evitati** problemi bħal dawn.

X'qed tagħmel il-Kummissjoni Ewropea dwarhom?

- Il-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm **lista aġġornata ta' preservattivi li ġew evalwati xjentifikament bħala sikuri** biex jintużaw fil-prodotti kożmetiċi fis-suq tal-UE.

- Hija tappoġġa u tiggwida lill-awtoritajiet nazzjonali biex **jimmonitorjaw il-prodotti** li diġà jinsabu fis-suq tal-UE.

- Tinkoraġġixxi **r-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni** sabiex jiġu skoperti preżervattivi għal prodotti kożmetiċi ġodda u aktar effiċjenti.